KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 4

Ir-rabgħa laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 13 ta' Mejju 2013 fis-6.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |

*Agenda:*

1. *Sospensjoni tat-Time Controlled Parking Scheme*

1. **SOSPENSJONI TAT-TIME CONTROLLED PARKING SCHEME**

Is-Sindku qal li ftit tal-jiem ilu ltqajna ma' membri tal-MUT dwar l-implimentazjoni tal-RPS. Dan kien proċess li nbeda snin ilu, fejn l-Kunsill Lokali kellhu l-permessi ta' Transport Malta biex nintroduċu s-sistema f'ħafna mit-toroq.

Ix-xewqa tal-Kunsill kienet biex tiġi implimentata fit-toroq kollha ta' Tas-Sliema.

Il-parti l-kbira tat-toroq f'Tas-Sliema huma approvati min TM u mniżżla fil-Legal Notice 200 tal-2009. Il-ħinijiet u toroq għaldaqstant huma regolati bl-Avviż Legali.

Għal xi raġunijiet il-Kunsilli ta' qabel ma implimentawx din is-sistema.

Il-Kunsill kien qabel illi jimplimenta din is-sistem biz-zoni biex tkun introdotta bilmod. Wara li tweħħlu t-tabelli, l-Kunsill qabel li jibda *enforcement* f'Mejju wara li għamel xi żmien bin-notices.

Qabel l-elezzjoni kienu intbgħatu ittri mill-MUT u GWU dwar l-implimentazzjoni tal-RPS. Il-Kunsill kien wieħeb li wara li tgħaddi l-elezzjoni ħa nressqu l-ilmenti tagħhom quddiem l-bord tall-RPS.

Fil-laqgħa mal-MUT kellimnihom fuq sistema ta' *pooling*. Kellimnihom ukoll biex jgħamlu użu mit-trasport publiku.

Il-Kunsill kien qed jisma l-ilmenti tar-residenti u tas-setturi affetwati min din is-sistema waqt il-proċess tal-implimentazzjoni. Filfatt, tneħħiet il-ġurnata tal-Ħadd wara ftit ġimgħat.

Sindku qal li l-MUT qas biss kienu jafu kif ser taħdem is-sistema. Dawn xorta waħda ordnaw l-istrike. Eżatt dakinhar sejjahilna l-Ministru Joe Mizzi għal laqgħa li għaliha kien preżenti ukoll is-CEO ta' Transport Malta James Piscopo.

L-għada, wara li ħargu r-rapporti fil-mezzi tax-xandir, irċivejna l-ittra min TM li issospendiet din is-sistema, permezz ta' deċizjoni li ttieħdet mill-Kabinett.

Il-Kunsill immedjatament bgħat lura jistaqsi b'liema awtorita tista titwaqqaf tali Avviz Legali fuq Tas-Sliema biss. Is-CEO ta' Transport Malta wieġeb permezz ta' ittra.
Is-Sindku qara ir-risposta.

Wara ftit jiem, kellimna Dott. Jose Herrera, fejn dan talabna rapport kif kienet ser taħdem is-sistema u jekk kellniex konsiderazzjonijiet għall-għalliema. L-iskop tal-laqgħa ta' llum hi speċifikament biex niftemu kif ser nimxu issa l'quddiem.

Is-Sindku qal li r-rakkomandazzjoni tiegħu hi li aħna nirriservaw d-dritt li nieħdu passi legali kontra TM, u nżommu xorta waħda il-bieb miftuħ għall-konsultazzjoni mal-Gvern, għax x'aktarx ma' fehmux kif ser taħdem is-sistema. Din saret bi dritt, u li kien hemm fl-AL. Hu qal li is-sospensjoni għanda tkun applikata għal xi zmien.

Sindku qara it-tieni ittra tas-Sur James Piscopo.

P Radmilli qal kif trid tamel *trial period* jekk mhux bi prova ġot-toroq?

M Aquilina qalet forsi r-residenti ma jriduwiex din is-sistema. M Aquilina qalet li hekk qed jgħidula n-nies. Hi dejjem kienet xettika dwar l-RPS.

Is-Sindku qal li d-deċizjoni biex tiġi implimentata kienet unanima.

P Radmilli qal illum irridu niddeciedu kif ser ninnegozjaw mal-Gvern. Din is-sospensjoni hi diskriminatorja.

Is-Sindku qal li l-AL ħareġ, u aħna konna bdejna t-*trial period*. Il-konsultazzjoni issir qabel li toħrog il-liġi u mhux wara. Aħna lesti għal konsultazzjoni mal-Gvern, imma aħna għandna din is-sistema bid-dritt.

M Briguglio qal li ghalih il-liġi biss hi uffiċjali. Hu qal li jaqbel ma' P Radmilli għax imkien aktar ma ġiet sospiza. M Briguglio qal li l-konsultazzjoni saret qabel mar-residenti fi żmien is-Sindku Du Puis u s-Sindku Arrigo.

K Busietta qal li din it-tieni ittra għandna nwegbuha bi protest ġudizjarju.
P Radmilli qal li dan il-Gvern apparti li ssospenda l-RPS, waqqaf ukoll il-proġett tal-*car park* il-Ferries. P Radmilli qal li għandna nwieġbu fis-sens li wara li ssospendejt dawn iż-żewġ proġetti, issa il-gvern għandu jgħid x'ser jgħamel għall-parkeġġ. Aħna ħa ngħatu suġġerimenti, imma issa id-deżizjonijiet iridu jittieħdu mill-Gvern.

P Portelli qal li kellu jkollna sitt xhur prova, li ma sarux peress li issa ġiet sospiża. Il-Kunsill waqqaf Kumitat *ad hoc* biex jara l-implimentazzjoni kull ġimgħa. P Portelli qal jissekonda lil M Briguglio fl-argumenti tiegħu.

M Aquilina qalet hi kellha riservi. Kunsilliera qalu li dan mhux argument validu, peress li kulħadd kellhu r-riservi rispettivi tiegħu fuq xi partikolaritajiet. Xorta waħda id-deċizjoni tal-Kunsill kienet ittieħdet.

Sindku qal li missna niddiskutu xorta waħda mal-Gverm, avolja

nżommu l-punt tagħna, u li nistgħu nitkellmu li żoni differenti ta' Tas-Sliema japlikaw b'mod differenti.

K Busietta saqsa kemm ser iddum is-sospenzjoni? Dr Herrera qas biss qalilna x'tip ta studju irid.

P Radmilli qal li ma għandniex nikkommettu li nghamlu studji. L-ewwel nsiru nafu xi studji huma.

Sindku qal hu jħoss li għandna ninghataw is-sitt xhur prova, u sadattant TM tistudja l-implimentazzjoni.

K Busietta qal li għandna ngħidu lil Dr. Herrera li aħna għandna riservi legali kif din ġiet sospiża, u li aħna niproponu li t-*trial period* għandu isir u TM tistudja s-sitwazzjoni f'dan il-perijodu.

L Cassaar qalet li qabel ngħatu s-suġġerimenti, irridu nifmu għala sar it-tgergir.

K Busietta propona li isir Protest Gudizjarju, u wara nimxu fuq is-suġġeriment tas-Sindku.

Sindku qal is-sistema tista tiġi perfezjonata. Is-Sindku qal li aħna għandna d-dritt tagħna irid jibqa kollhu hemmhekk, imma lesti nikkonsultaw. Ma nċedux. Is-Sindku qal li issa għandna nirrakomandaw ukoll soluzzjonijiet għat-traffiku f'Tas-Sliema.

Il-Kunsill qabel illi issir twegiba lis-CEO ta' Transport Malta, fejn ngħidu li għandna riservi fuq il-mod kif saret is-sospensjoni. Aħna ma naqblux ma din is-sospensjoni, imma bħala rieda tajba qed ngħatu tlett ġimgħat ta' twaqqif mill-implimentazzjoni, sakemm ikollna rapport min TM x'ha tkun is-soluzzjoni tagħhom għall-parkeġġ f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel li l-RPS trid tigi interpretata f'rapport holistiku ta' traffiku f'Tas-Sliema.

Is-Sindku qal li l-ittra ser tiġi ċirkolata mal-Kunsilliera qabel ma tintbgħat. Min ma jwegibx ħa tiġi interpretata li qabel.

P Portelli qal ninfurmaw lill-mezzi tax-xandir dwar din l-ittra. Il-Kunsill qabel.

Il-laqgħa ntemmet. Hin: 7.25pm

Minuti approvati llum 30/05/2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**